SANTA LUĊIJA

**Minuti**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Numru 41/2022**

**21 ta' Marzu, 2022 / 08 ta' April 2022**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-05:00 p.m.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Charmaine St. John | Sindku |
| Frederick Cutajar | Viċi Sindku |
| Terence Ellul | Kunsillier |
| Kylie D'Amato | Kunsilliera |
| Liam Sciberras | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino | Deputat Segretarju Eżekuttiv (21 ta' Marzu) |
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv (08 ta'April) |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**41.01 Qari ta' ittri ta' apologiji**

41.01.01 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informat li l-Kunsillieri Ellul u D'Amato kienu nfurmaw li ma setgħux jattendu għal laqgħa minħabba mpenji ta' xogħol. Huwa ġew skużati. (21 ta' Marzu)

41.01.02 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa li ma kienx hemm ittri ta'apoloġiji. (8 ta' April)

**41.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 37-2022 Minuti tal-Laqgħa Msejħa b'Urġenza 38-2022 u 39-2022 u tal-Laqgħa tal-Lokalita' 2022**

41.02.01 Il-minuti tal-Laqgħa 37-2022 ġew approvati unanimament wara li pproponiet is-Sindku u l-Kunsillier Sciberras jissekonda. (21 ta' Marzu)

41.02.02 Il-Minuti tal-Laqgħa 38-2022 gew approvati unanimament wara li gew emendati. (21 ta' Marzu)

41.02.03 Il-Minuti tal-Laqgħa 39-2022 ġew approvati unanimament. (21 ta' Marzu)

41.02.04 Il-Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita' ġew approvati fil-laqgħa tat-8 ta' April wara emendi mressqa mill-Kunsillier Sciberras. Kien hemm qbil li Laqgħat tal-Lokalita' futuri jiġu rrekordjati sabiex ma jkunx hemm *issues* dwar interpretazzjoni ta' dak li jingħad waqt laqgħat simili.

**41.03 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

41.03.01 L-iskedi ta' Pagamenti gew approvati unanimament.

**41.04 Budget għas-sena 2022**

41.04.01 Peress li kopja tal-Budget kienet tqassmet lill-membri qabel il-laqgħa, dan id-dokument ġie meqjus bħala moqri u ġie approvat unanimament.

**41.05 Komunikazzjoni mis-Sindku**

41.05.01 Is-Sindku nfurmat li l-*Blood Donation Unit* ser tkun Santa Luċija fis-26 ta' Ġunju. Ġie unanimament deċiż li għandu jkun hemm numru ta' *refreshments* sabiex jingħataw lid-donaturi tad-demm.

41.05.02 Is-Sindku spjegat li l-bieraħ flimkien mas-S.E. kellha laqgħa mal-Perit ta' IM fejn ġejna nfurmati li fil-ġimgħat li ġejjin kien ser jibda x-xogħol fi Triq Petunja, Triq Żienja, Triq il-Vjoli, Triq Stella Maris, Triq Fresia u l-madwar, kif ukoll Triq Għoral u Triq Ċikwejra. Hija qalet ukoll li l-kurduna ta' Triq Dawret it-Torri ser issir minn IM ukoll flimkien mar-rampa ta' Blokk Indipendenza. Fi Triq il-Bruka ser jitwessa l-*culvert* u jsiru *gutters* ġodda. Ix-xogħol fi Triq Dawret it-Torri għandu jitkompla fil-ġranet li ġejjin wara li l-Enemalta lestew xi xogħlijiet li kienu għadhom pendenti min naħa tagħhom. Il-Kunsillier Ellul irrimarka li l-karozzi tal-linja mhux qed iduru kif suppost minn Vjal Oleandri għal Dawret it-Torri. Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li parti mit-tarġa għal-go Blokk Indipendenza ssir rampa wkoll. Is-Sindku nfurmat li kienet ser tinforma lil IM dwar din it-talba. Il-Kunsillier Sciberras ikkummenta wkoll li tnaqas l-aċċess minn Triq De Domenics għal Triq Dun M. Mifsud minn mindu saret il-bankina. Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li l-Kunsill jerġa jikteb lil IM u jitlob li Triq il-Prinjoli u Triq Dawret it-Torri jerġgħu isiru bil-ħrug il-barra u li l-*Bus Shelters* jibqgħu kif kienu oriġinarjament. Fuq proposta tal-Kunsillieri Ellul u Sciberras, kien hemm qbil li nitolbu lil IM sabiex it-tabelli tan-*No Entry* li hemm fil-*Promenade* jinqalgħu u minn flokhom isiru tabelli li jindikaw id-direzzjoni tat-traffiku.

41.05.03 Is-Sindku nfurmat li konna rċivejna talba mingħand il-Kunsill Konsultattiv tan-Nofsinhar sabiex jitħawwlu siġar u arbuxelli min naħa tagħhom. Kien hemm qbil li dawn isiru quddiem Flats Indipendenza u viċin it-*Toilets* tal-Bandli. Kien hemm qbil li nitolbu pjan ta' ħidma mingħand il-kuntrattur li jieħu ħsieb il-ġonna u s-*soft areas* kif ukoll naraw li l-*Contracts Manager* (li ser ikollu laqgħa magħha s-S.E. il-ġimgħad d-dieħla), tieħu ħsieb li dan il-pjan ta' ħidma jiġi osservat.

41.05.04 Is-Sindku nfurmat li konna rċivejna talba sabiex monument ġdid jitqgħied fil-Ġnien tas-Serenita' u dan jiġi inawgurat mill-Ministru tal-Affarijiet Barranin u l-Ambaxxatur Ciniz fl-24 ta' April.

41.05.05 Is-Sindku issuġġeriet li fid-9 ta' Lulju jsir kunċert bil-parteċipazzjoni tal-*Angelic Voices* fl-okkażjoni ta' Jum Santa Luċija. Dwar dan kien hemm qbil u fuq suġġeriment tal-Kunsillier Sciberras ġie deċiż li għal din l-okkażjoni jiġu mistiedna l-korijiet kollha u gruppi / artisti minn Santa Luċija.

41.05.06 Is-Sindku nfurmat li t-talba tagħna sabiex niksbu fondi sabiex isir gazebo fil-*Picinic Area* kienet ġiet approvata. Il-Viċi Sindku irrimarka li kien japprezza li kieku kien infurmat qabel dwar din l-aħbar peress li kien ħadem fuqha personalment.

41.05.07 Is-Sindku issuġġeriet li ssir laqgħa dwar l-avveniment tal-24 t' April fil-Ġnien tas-Serenita'. Ġie deċiż li din il-laqgħa ssir il-ġimgħa d-dieħla.

41.05.08 Is-Sindku nfurmat li wara l-ftehim kollettiv ġdid li sar għas-S.E., kienu tħallsu l-arretrati lid-Deputat S.E kif ukoll lis-S.E. preċedenti peress li l-arretrati jkopru sas-sena 2020.

41.05.09 Is-Sindku nfurmat li x-xemgħa għas-salib ta' Ħamis ix-Xirka kienu waslu u li l-Kunsillier Ellul kien ser jieħu ħsieb jagħmel is-salib fit-taraġ tal-Knisja u fi Pjazza Dorell. Kien hemm qbil li jitqabbdu żewġ ħaddiema tal-Kunsill sabiex jgħinu lill-Kunsillier Ellul. Il-Kunsilliera D'Amato offriet li tgħin.

41.05.10 Is-Sindku nfurmat li konna rċivejna komunikazzjoni dwar il-Programm "Aqra Mieghi" u ġie unanimament deċiż li dawn is-sessjonijiet jinżammu ġewwa t-*Tea Room*.

41.05.11 Is-Sindku nfurmat li konna rċivejna talba sabiex ikunu jistgħu jinqatgħu frieghi taż-żebbuġ għall-Ġimgħa l-Kbira mill-Parroċċa ta' Kristu Re f'Raħal Ġdid. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din it-talba.

41.05.12 Is-Sindku nfurmat li r-*Right 2 Smile* kienu ser jagħmlu attivita' fil-Ġnien tas-Serenita' fl-1 ta' Mejju u staqsiet jekk il-Kunsill kienx ser jagħmel *stand* għal din l-attivita'. Ġie ssuġġerit li jkun hemm *Feedback Form* u l-Kunsillieri D'Amato u Sciberras ser jieħdu ħsieb jippreparaw il-mistoqsijiet. Kien hemm qbil li ma jintalabx hlas ghas-servizz li ser ikun qed jaghti wiehed mill-haddiema matul din l-attivita'.

41.05.01 Is-Sindku nfurmat li fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kienet qed tirrakkomanda li d-Direttur Xialong Yun taċ-China Cultural Centre jingħata Cittadinanza Onorarja ta' Santa Lucija fit-tmiem tat-terminu tieghu. Dwar dan kien hemm qbil.

41.05.13 Is-Sindku nfurmat li fl-24 ta' Mejju kienet ser tinżamm il La Valette International Marathon 2022 li ser tgħaddi minn parti mill-lokalita'.

41.05.14 Is-Sindku nfurmat li konna rċivejna r-riżenja tal-librara minħabba raġunijiet ta' saħħa. Kien hemm qbil li nitkellmu mal-*Malta Libraries* sabiex naraw kif ser timtela din il-vakanza.

41.05.15 Is-Sindku nfurmat li kienet qed tissuġġerixxi li tinżamm *Fun Run* ta' 5Km fil-lokalita'. Hija infurmat li kienet ser tiltqa ma' Fabio Spiteri l-ġimgħa d-dieħla u stiednet lil-Kunsillier Ellul bħala l-Kunsillier responsabbli mill-isports sabiex jattendi magħha għal din il-laqgħa.

41.05.16 Is-Sindku ssuġġeriet li jinġiebu *quotations* sabiex isiru CCTV fi Pjazza 7 ta' Lulju u d-*Dog Park*. Kien hemm qbil li jinġiebu l-*quotations* għal Pjazza biss.

41.05.17 Is-Sindku nfurmat li rridu noħorgu t-*tenders* tal-knis u tas-*Soft Areas.*

41.05.18 Is-Sindku talbet lill-Viċi Sindku sabiex jitkellem fuq inizjattiva dwar *Underground Waste Collection* li ser ikun qed jipproponi r-Regjun Nofsinhar. Huwa ppropona li l-Kunsill jipparteċipa f'din l-inizjattiva (*Pilot Project*) u ġie ssuġġerit is-sit fi Triq Inez Soler diment li l-esperti tar-Reġjun ma jissuġġerux xi post ieħor.

41.05.19 Is-Sindku irreferit għal korrispondenza li rċiviet mingħand il-Viċi Sindku dwar talba għal aċċess aħjar quddiem Block B. Kien hemm qbil li naraw x'hemm bżonn li jsir sabiex titjieb l-aċċessibilita'.

41.05.20 Is-Sindku irreferiet għall-korrisponenza li rċivejna mingħand il-Perit dwar iċ-Ċentru Ċiviku. Kien hemm qbil li dan is-suggett jitpoġġa fuq l-agenda li jmiss sabiex ikun jista jiġi diskuss f'iktar dettal.

**41.06 Promotion of the Cultural Heritage**

41.06.01 Ma kien hemm xejn x'jiġi diskuss fuq dan il-punt.

**41.07 Tender - Xiri ta' Van**

41.07.01 Is-Sindku spjegat li minkejja li l-offerta għax-xiri ta' van kienet inħarget darbtejn, ħadd ma kien applika. Hija qalet ukoll li l-Kunsill kien talab għal *Direct Order* għal *9-Seater* però irriżulta li dan it-tip ma' kienx *available* u għalhekk kien hemm qbil li nitolbu *Direct Order* għal *7-Seater*.

***Il-Kunsillier Sciberras ressaq mozzjoni sabiex jiżdied item fuq l-Aġenda tal-laqgħa tal-lum għal Mistoqsijiet tal-Kunsillieri. Is-Sindku s-sekondat.***

**41.08 Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

41.08.01 Il-Kunsilliera D'Amato talbet sabiex idejalment il-laqgħat tal-Kunsill jindew jinżammu nhar ta' Erbgħa jew Ġimgħa sakemm tlesti l-ezamijiet. Dwar dan kien hemm qbil.

41.08.02 Il-Kunsillier Sciberras irrefera għal numru ta' mistoqsijiet li bgħat permezz tal-*email* aktar kmieni llum. Is-S.E. spjega li peress li beda fil-lokal din il-ġimgħa u nzerta li l-aktar 2 ħaddiema ta'

esperjenza kienu *sick*, ma kienx f'posizzjoni li jwieġeb dawn il-mistoqsijiet illum ħlief għal waħda li kienet dwar min għandu aċċess għall-*generic email* tal-Kunsill u nfurmah li huwa l-i*staff* tal-Kunsill biss li għandu aċċess u li l-ebda Kunsillier (inkluż is-Sindku) ma għandu tali aċċess.

41.08.03 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk hux possibbli li jkun hemm aċċess bejn il-*barriers* li hemm fi Triq De Hosa. Is-Sindku nfurmat li kiet ser tiċċekkja sabiex tara x'jista jsir f'dan ir-rigward.

41.08.04 Il-Kunsillier Sciberras irrimarka dwar il-fatt li xi vetturi tal-linja minn Triq Inez Soler qed iduru fuq il-lemin minflok fuq ix-xellug fi Triq il-Pepprin. Gie ssuġġerit li jerġa jsir avviż lir-residenti dwar kif ġiet emendata r-rotta.

41.08.05 Il-Kunsillier Sciberras irrimarka dwar in-nuqqas ta tbattil tar-reċipjenti tal-iskart f'diversi toroq tal-lokalita'. Ġie deċiż li niċċekkjaw mal-*Contracts Manager* għaliex mhux qed tinġibet l-attenzjoni tal-kuntrattur dwar dan in-nuqqas.

41.08.06 Il-Kunsillier Sciberras irrimarka li l-ħajt li sar fi Triq Klematis għadu ma tkaħħalx. Ġie deċiż li nsaqsu lil IM jekk dan il-ħajt jistax isir tas-sejjieħ u jekk le nitolbu li almenu jitkaħħal.

41.08.07 Il-Kunsillier Sciberras irrimarka li Triq Mabel Strickland tinsab maħmuġa ħafna. Is-Sindku wieġbet li taf li hemm problemi bil-knis u wara laqgħa mal-kuntrattur konna qbilna li nżidu persuna oħra sabiex ikun jista jintlaħaq ix-xoghol. Kien hemm qbil li malli l-iskeda l-ġdida tiġi finalizzata mill-kuntrattur, din titqassam lil-Kunsillieri.

41.08.08 Il-Kunsillier Sciberras talab pjanta tal-i*Sculpture Garden* mingħand Parks Malta. Kien hemm qbil li ssir talba uffiċċjali lil Parks Malta.

41.08.09 Il-Kunsillier Sciberras irrimarka li ż-żrar tad-*dog park* mhux addattat għal klieb żgħar. Is-Sindku wieġbet li kienet irċeviet ilment simili u kien ġie issuġġeriet li fuq iż-żrar jintefa r-ramel iżda meta l-haddiema marru biex jixtru r-ramel ġew infurmati li bir-ramel ma jkunx jista jinġabar il-ħmieġ. Kien hemm qbil li nippruvaw insibu soluzzjoni li addattata għal kull tip ta' kelb.

**41.09 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

41.09.01 Il-laqgħa ntemmet fis-7:10 p.m. u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir il-Ġimgħa 13 ta' Mejju 2022 fil-5:30 p.m.

Konfermati illum l-Erbgħa 13 ta' Mejju 2022.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Charmaine St. John<br>Sindku | Fabian Mizzi<br>Segretarju Eżekuttiv |